

Brussell, 20 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7632/23

COPS 149
INDEF 6
RELEX 373
EPF AM 53
EPF OPS 13
POLMIL 66
EUMC 145
PESC 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konsenja u akkwist konġunt ta' munizzjon għall-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota dwar Il-konsenja u l-akkwist konġunt ta' munizzjon għall-Ukrajna, kif approvata mill-Kunsill fl-20 ta' Marzu 2023.

**It-tħaffif tal-konsenja u l-akkwist konġunt
ta' munizzjon għall-Ukrajna**

1. F'konformità mal-ħtiġijiet urġenti tal-Ukrajna diskussi fil-Kunsill Ewropew speċjali fi Frar, il-Kunsill jaqbel dwar approċċ fuq tliet binarji bl-għan li, b'mod partikolari, jitħaffu l-konsenja u l-akkwist konġunt li jimmiraw għal miljun rawnd ta' munizzjon tal-artillerija għall-Ukrajna fi sforz konġunt fit-tmax-il xahar li ġejjin, u jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' dawn it-tliet binarji li huma interkonnessi u li jeħtieġ li jiġu segwiti b'mod parallel u koordinat.
2. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex b'mod urġenti jikkonsenjaw munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija lill-Ukrajna u, jekk mitlub, missili. Huwa jistieden lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill biex jiffinalizzaw malajr il-ħidma dwar l-emenda proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/338 bil-ħsieb li jippermettu r-rimborż ta' materjal mogħti minn stokkijiet eżistenti jew mill-prijoritizzazzjoni mill-ġdid ta' ordnijiet eżistenti konsenjati qabel il-31 ta' Mejju 2023 u, b'hekk, jiżguraw is-solidarjetà. Il-fondi kollha mhux użati jistgħu jippermettu r-rimborż tat-tagħmir letali kollu, f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-lista ta' rekwiżiti tal-Ukrajna.
3. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Istati Membri biex jakkwistaw b'mod konġunt munizzjon ta' 155mm u, jekk mitlub, missili għall-Ukrajna bl-aktar mod rapidu possibbli qabel it-30 ta' Settembru 2023 mill-industrija Ewropea tad-difiża (u n-Norveġja), fil-parametri definiti fil-kuntest ta' proġett eżistenti tal-EDA jew permezz ta' proġetti ta' akkwist konġunt komplementari mmexxija minn Stat Membru, u jistieden lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill biex jiffinalizzaw malajr il-ħidma fuq il-proposta mir-Rappreżentant Għoli għal miżura ta' assistenza tal-EPF b'appoġġ għall-Forzi Armati Ukreni permezz tal-forniment ta' munizzjon. Il-Kunsill ser jirċievi aġġornamenti regolari ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura.
4. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti konkreti biex tappoġġa b'mod urġenti t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' manifattura tal-industrija tad-difiża Ewropea, tiżgura l-ktajjen tal-provvista, tiffaċilita proċeduri ta' akkwist effiċjenti, tindirizza n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni u tippromwovi l-investimenti, inkluż, fejn xieraq, il-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

5. Ser jiġu organizzati wkoll laqgħat regolari fil-livell tad-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti mat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża (il-Kummissjoni, is-SEAE, l-EDA), biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet industrijali kif ukoll biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni mill-qrib meħtieġa, speċjalment fir-rigward tal-provvista mill-istokkijiet, il-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet eżistenti u l-proġetti differenti ta' akkwist konġunt, biex tiġi żgurata implimentazzjoni adegwata tat-tliet binarji differenti.
6. Ir-rati eżatti ta' rimborż għaż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq għandhom jiġu ddeterminati mill-Kumitat tal-EPF, b'kont meħud tal-medda indikattiva ta' rati ta' rimborż diskussa fil-KPS fid-9 ta' Marzu 2023 (jiġifieri 50-60 %). Il-konsenji attwali għandhom jiġu kkoordinati bejn l-Istati Membri bl-appoġġ tal-Persunal Militari tal-UE.
7. Il-Kunsill jaqbel li tiġi kkunsidrata żieda ulterjuri tal-limitu massimu finanzjarju ġenerali tal-EPF b'EUR 3 500 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif antiċipat fit-12 ta' Diċembru 2022. L-implimentazzjoni ta' tali żieda possibbli għandha tirrispetta l-ambitu globali u l-prevedibbiltà tal-EPF, il-ħtiġijiet ta' finanzjament fit-tul tagħha għal miżuri ta' assistenza li jipprovdu kemm tagħmir letali kif ukoll mhux letali, missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, kif ukoll il-limitu massimu għall-pagamenti maqbul għall-2023.
8. Il-Coreper ser jimmonitorja l-implimentazzjoni koordinata u parallela ta' dan l-approċċ fuq tliet binarji.
9. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jipprovdi appoġġ politiku u militari lill-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b'appoġġ għall-Ukrajna, mingħajr preġudizzju għall-karattru speċifiku u l-politiki ta' difiża ta' ċerti Stati Membri. L-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha ser jitqiesu kif dovut.